



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

7321/19  
ADD 1

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0051(NLE)**

---

**PECHE 105**

## **PROPOSTA**

|                   |                                                                                                                                                                                                                     |
|-------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur                                                                                                                     |
| data meta waslet: | 7 ta' Marzu 2019                                                                                                                                                                                                    |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                 |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 102 final - ANNEXES 1 to 2                                                                                                                                                                                |
| Suġġett:          | ANNESSI tal- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni 9449/1/14 REV 1 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuz id-dokument COM(2019) 102 final - ANNEXES 1 to 2.

---

Mehmuz: COM(2019) 102 final - ANNEXES 1 to 2



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.3.2019  
COM(2019) 102 final

ANNEXES 1 to 2

## **ANNESSI**

**tal-**

**proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku u li tħassar id-Deċiżjoni 9449/1/14 REV 1**

## **ANNESS I**

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO)

### **1. PRINĊIPJI**

Fil-qafas tan-NAFO, l-Unjoni għandha:

- a) taġixxi skont l-oġettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni fil-politika komuni tas-sajd (CFP), jiġifieri permezz tal-approċċ prekawzzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd u biex tillimita l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd, u biex tevita u tnaqqas kemm jista' jkun, il-qabdiet possibbli mhux mixtieqa, u telimina b'mod gradwali l-iskartar, u timminimizza l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-habitats tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd tal-Unjoni ekonomikament vijabbli u kompetittiv, sabiex ttiprovdi standard tal-għajxien ġust lil dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u tqis l-interessi tal-konsumaturi;
- b) taħdem lejn l-involviment xieraq tal-partijiet interessati fil-fażi tat-tnejjja għall-miżuri tan-NAFO u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-Kummissjoni tan-NAFO jkunu skont il-Konvenzjoni NAFO;
- c) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-Kummissjoni tan-NAFO jkunu konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar tan-NU tal-1982, tal-Ftehim tan-NU tal-1995 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, tal-Ftehim tal-1993 li jippromwovi l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali u tal-Ftehim tal-2009 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Portijiet;
- d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sajd reġjonali (RFMOs) fl-istess żona;
- e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet tas-sajd bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħra tagħha b'mod partikolari fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- f) tiżgura li l-impenji internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati;
- g) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd<sup>1</sup>;
- h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan iż-żona regolatorja tan-NAFO abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;
- i) tkun konformi mal-komunikazzjoni Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-

<sup>1</sup> 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.

*governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna*<sup>2</sup>, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni konġunta<sup>3</sup> u tippromwovi miżuri biex tappoġġja u ssaħħa l-effettività tan-NAFO u, fejn rilevanti, ittejjeb il-governanza u l-prestazzjoni tagħha (b'mod partikolari fir-rigward tax-xjenza, tal-konformità, tat-trasparenza u tat-teħid ta' deċiżjonijiet) bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;

- j) tippromwovi l-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar (RSCs) u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, fi ħdan il-mandati tagħhom, fejn xieraq;
- k) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost l-RFMOs mhux tat-tonn simili għall-hekk imsejjaħ proċess ta' Kobe għall-RFMOs tat-tonn.

## **2. ORJENTAZZJONIJIET**

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġja l-adozzjoni min-NAFO tal-azzjonijiet li ġejjin:

- a) miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona regolatorja tan-NAFO bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, u l-approċċ prekawżjonarju inklużi l-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) u l-kwoti jew ir-regolazzjoni tal-isforz għal riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin regolati min-NAFO, li jiksbu rata ta' sfruttar tar-rendiment massimu sostenibbli fuq bażi inkriminali u progressiva mhux aktar tard mill-2020. Fejn neċessarju, għandhom jitqiesu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li jsofru minn sajd żejjed, sabiex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli;
- b) miżuri biex jiġu impediti, skoraġġuti u eliminati attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrapportati u mhux regolati fiż-żona regolatorja, inkluż il-lista ta' bastimenti IUU;
- c) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona regolatorja tan-NAFO sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontroll u tal-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan in-NAFO;
- d) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar u l-habitats tagħhom, inklużi miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u jiġi impedit ir-rimi ta' plastiks fil-baħar u jitnaqqas l-impatt ta' plastiks preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fiż-żona regolatorja f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NAFO, filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Internazzjonali, il-miżuri biex qabdiet mhux mixtieqa jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun, inklużi b'mod partikolari speċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat l-iskartar;
- e) miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu tas-Sajd Abbandunat, Mitluf jew Skartat mod ieħor (ALDFG) fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu;
- f) miżuri mmirati lejn il-projbizzjoni ta' sajd imwettaq biss għall-ħsad tax-xewk tal-klieb il-baħar u li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jinħattu l-art bix-xewka għadha mwaħħla magħhom b'mod naturali;
- g) approċċi komuni ma' RFMOs oħra, fejn xieraq, b'mod partikolari dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;

<sup>2</sup> JOIN(2016) 49 final 10.11.2016.

<sup>3</sup> 7348/1/17 REV 1 24.3.2017.

- h) tiżviluppa approċċi relatati mal-indirizzar tal-impatti ta' attivitajiet mhux tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fiż-żona regolatorja;
- i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sal-punt permess fid-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- j) miżuri tekniċi addizzjonali bbażati fuq pariri mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tan-NAFO.

## **ANNEX II**

### **Speċifikazzjoni sena sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed f'laqgħat tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral**

Qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji sabiex dik il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni xjentifika u rilevanti oħra riċenti trażmessa lill-Kummissjoni, skont il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu, u fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO, dokument bil-miktub li jstabilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk, waqt laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, inkluż dak il-ħin, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.